# TRIBUNAL INDUSTRIJALI TA' MALTA

## Decizjoni Nru. 2/77

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
is-Sur Gaetano Debono
u
d-ditta Marine Engineering Works Ltd.

Chairman : C.J. Mallia

Data : 3 t'Ottubru ,1977

Fil-15 ta' Settembru,1977, il-Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura irreferit lit-Tribunal l-allegazzjoni tas-Sur Gaetano Debono li hu kien gie mkecci ingustament mis-Sur Carmel Pace, principal tad-ditta Marine Engineering Works Ltd., li maghha s-Sur Debono kien ilu mpjegat bhala mechanic ghal erbgha snin.

2. Fil-kors ta' zewg seduti, it-Tribunal semgha lill-partijiet, kif ukoll ix-xhieda kollha li huma xtaqu igibu, u ra d-dokumenti li gew esibiti. Billi kien deher kmieni li l-kawza tat-tilwima, salvo x'setgha johrog waqt it-trattazzjoni, ma kienetx gravi, it-Tribunal fiz-zewg seduti appella lill-partijiet biex jekk jistghu jiftehmu.

3. Irrizulta mix-xhieda li, fis-7 ta' Marzu,1977, kien hemm tilwima meta s-Sur Debono sab il-kaxxa tal-ghodda miftuha. Dik il-kaxxa kien fiha ghodda principalment proprijeta' tas-Sur Debono, imma gie ammess miz-zewg nahhat li setgha wkoll kien hemm xi bicciet ghodda tad-ditta. Is-Sur Pace qal lis-Sur Debono li kien hu li wara l-hin sgassa l-kaxxa ghax kellu bzonn xi ghodda minna. Zied jghid li, bhala sid, huwa kellu d-dritt jaghmel hekk. Hareg mix-xhieda, u l-partijiet jammettu, li s-Sur Debono refgha lehnu u tkellem

hazin, u li wara dan anke s-Sur Pace ghajjat u tkellem hazin. Wara din it-tilwima, f'dik l-istess data tas-7 ta' Marzu, 1977, is-Sur Pace kecca lis-Sur Debono. Ir-raguni moghtija, kif tidher ukoll fuq ic-certifikat ta' temm ta' l-impieg (esebit bhala doc. B), kienet ghaliex "He lost his temper because I opened the tool box to take my tools."

4. Ghalhekk il-kompitu ta' dan it-Tribunal jirrisolvi ruhu filli jara jekk dan l-incident ta' "loss of temper" kienx gravi bizzejjed biex jiggustifika il-pena tat-tkeccija. Dan il-kastig kien gie meqjus bhala pena estrema fost il-kastigi dixxiplinarji fuq ix-xoghol minn tirbunali ohra simili maltin, u dan it-tribunal huwa ta' l-istess fehma. Dokument mahrug fis-sena 1963 mill-I.L.O. (International Labour Office) u msejjah Termination of Employment Recommendation, 1963 (No. 119) jaghti l-importanza xierqa lill-att tat-tkeccija. Huwa jirrikmanda li jkun hemm poteri biex fi tkeccija mhux gustifikata jigi ordnat l-impieg mill-gdid (reinstatement) bill-hlas ta' paga mitlufa jew li jinghata kumpens xieraq. Legislazzjoni ohra maltija, dik maghrufa bhala C.E.R.A. jew Conditions of Employment (Regulation) Act (Att Nru. XXI tal-1969), tinsisti fuq raguni tajba u sufficjenti biex tkun tista' ssir tkeccija. Dan l-istess hsieb tkompla fil-ligi li tahta gie kostitwit dan it-Tribunal, igifieri l-Att ta' l-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali. Dak l-Att, fl-artikolu 33 tieghu, jghid li, jekk it-Tribunal isib li kien hemm tkeccija ingusta u jidhirlu li "reinstatement" ikun prattikabbli u skond l-ekwita', huwa ghandu jordna "reinstatement".

5. Ma tul is-smigh tal-kas, ma rrizulta xejn li juri li l-incident li wassal ghat-tkeccija tas-Sur Debono kien aktar gravi milli deher waqt l-ewwel sottomissjonijiet. Ghalhekk it-Tribunal ihoss li

(a) l-incident ta' "loss of temper" ma kienx ta' natura gravi (min jaf kemm nies jitlalhom waqt

ix-xoghol kull jum, u kemm minnhom jghajjtu u anki jitkellmu hazin), u li ghalhekk

(b) il-kastig estrem tat-tkeccija ma kienx gustifikat.

AWARD

6. Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal jiddeciedi (salvo xi aggustamenti li jista' jkun li jkollom isiru minn min ikun fid-dover, ma xi dipartimenti tal-Gvern, ghal dawk li huma 'unemployment benefit', ghajnuna socjali, ecc.)

(i) Illi is-Sur Gaetano Debono jigi meqjus bhala sospiz mill-impjieg li kellu ta' Mechanic mad-ditta Marine Engineering Works Ltd., ghall-perijodu mis-7 ta' Marzu, 1977, sad-9 t'Ottubru, 1977;

(ii) Illi ghal dan l-istess perijodu hawn fuq taht (i) imsemmi is-Sur Debono jigi mhallas biss nofs il-paga normali tieghu bhala kastig dixxiplinarju sufficjenti ghal l-imgieba tieghu tas-7 ta' Marzu, 1977; u

(iii) Illi mill-10 ta' Ottubru, 1977, l-istess Sur Debono jerggha ikompli l-impieg tieghu bhala Mechanic, taht l-istess kondizzjonijiet bhal qabel, mad-ditta Marine Engineering Works Ltd., 20/24 Zerafa Street, Marsa.

(C.J. MALLIA)
Chairman

(S. GRECH)
Segretarju

3 ta' Ottubru, 1977.

em